# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu, 2016.**

**Talba Nru: 493/2016PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Di Grazia Rosalia Carmela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-26 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' ħames mija u seba' Ewro u għoxrin ċenteżmu (€507.20ċ) in konnessjoni ma' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni prestati lill-konvenuta fuq il-kont numru 40102660, bl-ispejjeż u d-drittijiet, u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett dwar il-kont mertu ta' din il-kawża, tal-ħlasijiet mitluba (Dok.'A', fol. 2-7); (ii) kuntratti bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta għall-għoti ta' servizzi ta' telefonija, televiżjoni u *internet* (Dok.'B', fol. 8-25); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz fejn il-konvenuta tinsab reġistrata li tirrisjedi (Dok.'C', fol. 26); u (iv) affidavit

ta' Charmaine Wiffen, rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi, li ddikjarat li l-konvenuta fadlilha tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma reklamata b'din l-azzjoni (Dok.'D', fol. 27).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta t-Talba.

Ra li fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2017, Chariamien Psaila Raji (ġa Wiffen) għas-soċjeta' attriċi ikkonfermat bil-ġurament tagħha li l-ħlas mertu ta' din l-azzjoni għadu dovut mill-konvenuta lis-soċjeta' attriċi.

Ikkunsidra li t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallasha s-somma mitluba ta' €507.20ċ tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma mitluba ta' ħames mija u seba' Ewro u għoxrin ċenteżmu (€507.20ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**